Minuti tal-Laqgħa nru 49 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 28 ta' Ottubru 2010 fis-7.00 p.m.

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa l-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.10 | 8.45 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.25 | 8.45 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.05 | 8.45 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.00 | 8.45 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.40 | 8.45 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.35 | 8.45 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.00 | 8.00 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.15 | 8.15 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.30 | 8.45 |
| Kunsillier John Mary Camilleri | skużat | - |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.20 | 8.45 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Kunsillier John Mary Camilleri talab li jiġi skużat milli jattendi. Il-Kunsill aċċetta t-talba tal-Kunsillier Camilleri.

**1.00 Tender dwar Servizz ta' Accountant għall-Kunsill**

1.01 Il-Perit Alfred Grech, li kien maħtur mill-Kunsill biex jagħmel ir-rapport dwar l-għoti tat-tenders, qal li kien hemm żewġ offerti – waħda mingħand il-kumpanija D-Consulta, u oħra mingħand Lawrence A Cauchi Hu qal li f' laqgħa tal-bord tal-aġġudikazzjoni li kienet saret fit-13 ta' Settembru 2010, il-membri kienu ntalbu jimlew matrix, u li jagħtu punti dwar l-esperjenza ta' servizzi simili ma' kunsilli lokali oħra, dwar esperjenza u kwalifiki li għandhom bħala accountants, dwar is-servizzi offruti, u anke dwar il-prezz. Hu kompla jgħid li l-kumpanija D-Consulta kellha l-aktar offerta vantaġġuża, u dan anke fejn jidħol il-prezz, u għalhekk ir-rapport qed jirrakkomanda li jintgħażlu huma.

1.02 Wara li saret diskussjoni dwar dawn iż-żewġ offerti, u dwar dak li kien qed jgħid ir-rapport, is-Sindku talab għall-vot fejn is-Sindku, il-Viċi Sindku, u l-Kunsillieri Sammut, Mifsud, Agius, Fenech, Grech u Fenech Adami ivvutaw favur, filwaqt li l-Kunsillier Demartino astjena. Għalhekk il-Kunisll għażel l-offerta tal-kumpanija D-Consulta.

**2.00 Tender dwar Polza ta' Assugurazzjoni għall-Kunsill**

2.01 Dwar dan it-tender, il-Kunsill kellu quddiemu żewġ offerti – waħda mill-MIB u oħra minn MelitaUnipol. Il-Perit Grech qal li dan ir-rapport ma kienx jinkludi matrix, u li r-rakkomandazzjoni kienet ibbażata fuq l-orħos offerta, u dan minħabba li l-offerenti kienu qed jibbażaw l-offerta tagħhom fuq l-istess servizzi. L-orħos offerta f' dan il-każ kienet tal-kumpanija MelitaUnipol.

2.02 Hawn wara li saret diskussjoni qasira l-Kunsill approva unanimament l-offerta tal-kumpanija MelitaUnipol, u dan fid-dawl tar-rapport imħejji mill-Perit Grech , u minħabba li l-prezz offrut tal-kumpaija MelitaUnipol kien orħos.

**3.00 Tender dwar Gbir ta' Skart Domestiku**

3.01 Il-Perit Grech qal li hawn kienu ntefgħu tlett offert – waħda ta' Wilson Mifsud, oħra ta' Mario Borg, u oħra mill-kumpanija Northern Cleaners Group. Il-Perit qal li l-kriterji li fuqhom huwa bbażat ir-rapport kienu n-numru ta' impjegati ma' kull kumpanija, in-numru ta' scammels għas-servizz mitlub, id-data tal-manufattura tal-iscammels, il-mudell tal-magni tal-iscammels, referenzi miġjuba, in-numru ta' default notices maħruġa, u l-prezz ikkwotat. Il-perit qal li r-rapport qed jirrakkomanda li dan il-kuntratt għandu jingħata lil Wilson Mifsud, u dan minħabba li dan kien ġab l-aktar marki għolja mogħtija fil-matrix fuq il-kriterji msemmija aktar 'il fuq.

3.02 Il-Kunsillier Agius qal li l-Kunsill qabel ma jieħu deċizjoni kellu jieħhu konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-kumpanija preżenti – dik tan-Northern Cleaners Group dejjem tat servizz tajjeb, u anke l-fatt l-ieħor li d-differenza fil-punti li hemm bejn Wilson Mifsud u n-Northern Cleaners kienet biss ta' 0.16.

3.03 Il-Kunsillier Demartino qal ukoll li kien jippretendi li l-kunsillier inkarigat mill-indafa kellu jkun parti mill-bord tal-aġġudikazzjoni dwar it-tenders li jikkonċernaw l-indafa.

3.04 Wara li saret diskussjoni dwar din il-materja, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jgħaddi għal vot dwar dan il-kuntratt fejn is-Sindku, il-Viċi Sindku, u l-Kunisllieri Sammut, Farrugia, Mifsud, Fenech, Grech, u Fenech Adami vvutaw favur, filwaqt li l-Kunsillieri Demartino u Agius astjenew. Għalhekk il-kuntratt ingħata lis-Sur Wilson Mifsud. Hawn il-Kunsillier Agius qam minn postu u għadda karta lill-Aġent Segretarju, u ħalla l-laqgħa. Wara s-seduta rriżulta li din kienet ittra fejn il-Kunsillier Agius kien qed jinforma li minħabba raġunijiet personali għandu jitqies bħala kunsillier indipendenti.

**4.00 Tender dwar Knis ta' Toroq**

4.01 Il-Perit Grech qal li hawn il-Kunsill kien irċieva tlett offerti, li kienu waħda mingħand in-Northern Cleaners Group, oħra mingħand Wilson Mifsud u oħra mingħand Charles Gauci. Qal li l-kriterji li fuqhom kien ibbażat ir-rapport ta' rakkomandazzjonijiet kienu r-riżorsi umani dedikati għas-servizz ta' dan il-kuntratt, ittri ta' refernza, prova ta' esperjenza, u l-prezz. Qal ukoll li Charles Gauci kien naqas milli jippreżenta l-ittri ta' referenza u prova tal-esperjenza mitluba fit-tender, u għalhekk il-bord tal-aġġudikazzjoni qabel li jiskwalifika lil dan l-offerent. Il-Perit qal ukoll li invista ta' dawn il-fatti, kienet qed issir rakkomandassjoni sabiex is-Sur Wilson Mifsud jingħata l-kuntratt, u dan minħabba li kien it-tieni l-orħos.

4.02 Il-Kunsillier Demartino staqsa jekk id-dokumenti ta' referenza li kienu ġew mitluba, u li ma kienux ġew preżentati, kienux daqstant importanti li minħabba n-nuqqas tagħhom, offerent kien jimmerita li jiġi skwalifikat, u dan meta wieħed iqis ukoll il-fatt li l-offerent inkwistjoni kien il-kuntrattur preżenti tal-kunsill.

4.03 Hawn saret diskusjoni dwar il-punt imqajjem mill-Kunisllier Demartino u sar qbil li l-Kunsill għandu jitlob parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, u dan qabel ma jasal għad-deċizjoni tiegħu.

**5.00 Tender dwar Xogħol ta' Patching ta' Toroq**

5.01 Il-Perit Grech qal li l-Kunsill kien irċieva erba' tenders li kienu mingħand Ell's Urban Services Ltd, Polidano Bros, Bonnici Bros u Asphaltar Ltd. Qal li dawn l-offerenti, fost dokumenti oħra kienu ntalbu jibagħtu lista ta' kuntratti li kellhom fil-preżent l-offerenti, u jekk kienux ukoll subcontractors, id-dati tal-bidu u t-tmiem ta' dawn il-kuntratti, u l-valur stmat tal-kuntratti

kurrenti li kellhom. Qal li l-kumpanija Ell's Urban Services Ltd, għalkemm kellha l-orħos offerta kellha dawn id-dokumenti mitluba aktar 'il fuq, nieqsa. Qal ukoll li din il-kumpanija kienet timpjega tlieta min nies. Il-Perit Grech qal li fir-rapport qed issir rakkomandazzjoni li jingħtażel Asphaltar Ltd li kellu t-tieni l-orħos offerta.

5.02 Hawn ukoll żvolġiet diskussjoni u sar qbil li jintalab parir mid-Dipartiemnt għall-Gvern Lokali simili għal parir li qed jintalab fir-rigward tat-tender ta' qabel dan.

**6.00 Affarijiet Oħra**

6.01 Il-Kunsill qabel li f' seduta oħra għandu jiġi diskuss il-management tal-5-a-side football ground.

6.02 L-Aġent Segretarju nforma lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien informa lill-Kunsill li l-attivta` tal-wirja tal-għasafar kelllha ssir biss jekk jinsabu sponsors biżżejjed li jkopru l-ispejjes kollha, u dan minħabba l-finanzi tal-Kunsill.

6.03 L-Aġent Segretarju qal li għandu wkoll struzzjonijiet mid-Dipartiment fejn il-Kunsill ma setgħax jagħmel il-ħlasijiet mitluba mill-GM Productions u dan minħabba li dawn huma meqjusa bħala donazzjonijiet – ħaġa li l-Kunsill huwa preklużmilli jagħmel. Hawn l-Aġent Segretarju fakkar lill-Kunisllier Grech dwar ir-rendikont li dan kellu jagħmel dwar l-attivita b' risq il-karita` li saret f' Awwissu li għadda. Qal ukoll li l-Kunsill kien qed jintalab sabiex jibgħat il-balance sheet tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

6.04 Il-Kunsillier Sammut qal li l-attvita` li kienet ser issir f' Novembru għall-anzjani kient tħassret.

6.05 Il-Kunisllier Grech talab li jsiru xogħlijiet ta' road markings f' dawn it-toroq – Triq il-Mitħna, Vjal l-Indipendneza ħdejn il-kappella ta' San Silvestru, fi Triq San Paċifiku, fi Triq l-Antinni u fi Triq il-Wied. Is-Sindku qal li jekk hemm fondi, dawn il-marki jsiru kif qed jintalab.

Il-laqgħa spiċċat fi d-8.45p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Cini
Aġent Segretarju Eżekuttiv